Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

**29 ta' Marzu 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 43 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **43.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **43.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 43.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 42, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **43.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 43.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar dranaġġ li dieħel fil-maħżen tas-Sajjieda u Barklori, mill-bitħa tal-kunsill jidher li hemm xi katusi tal-asbestos u aktarx qed tagħmel minn hemm. Is-Sindku talab għall tlett kwotazzjonijiet biex il-kunsill jara kemm ser jiġi jiswa dan ix-xogħol.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet ukoll dwar studju li qed jagħmlu FTZ fejn kellha kommunikazzjoni mas-Sur Jesmond Xuereb dwar dan l-istudju sabiex jitneħħa l-asbestos li hawn fil-kottonera u kif ġie diskuss dan il-punt is-segretarju eżekuttiv qajmet il-punt li fil-bitħa tal-kunsill hemm katusa tal-asbestos sabiex jaraw jekk tistax tidħol f'dan il-proġett. Bil-fondi tal-ewropa qed issir dan il-proġett ukoll sabiex isiru pannelli iżda li jaqbel mal-bini storiku tal-kottonera sabiex ma jintilifx l-istetika tal-madwar. |
| 43.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser ikun hemm taħriġ mill-Akl dwar servizzi provduti mill-Jobplus Cirk AKL 2022/30 dan it-taħriġ ser issir fit-22 t' April 2022 għal min hu interessat. |
| 43.03.03 | Is-Sur Stefan Azzopardi White bagħat jirringrazja lil-kunsill tal-istedina taż-żgħażagħ sabiex imorru bħala delegazzjoni ġewwa Spanja li kienet esperjenza eċċelenti. Fl-istess waqt is-Sezzjoni żgħażagħ xtaqu li l-kunsill jikkolabora mal-mixgħela fuq iz-zuntier b'disinn mill-isbaħ għall ħamis ix-xirka. Għal dan id-disinn għandhom bżonn 1200 xemgħa. Il-Kunsill qabel li jikkolabora sabiex jinxtraw parti minn dawn ix-xemgħat u jingħataw 150 ewro għax-xiri tax-xemgħa biex jintużaw ukoll quddiem il-librerija għall-wirja li ser issir fil-librerija. |

| | |
|---|---|
| 43.03.04 | Is-Sindku informa l-kunsill li ser issir film Marengo fejn is-sindku fiehem lil kunsillier x'qed jiproponu li jsir u dawar imejl mibgħuta minn għand is-Sur James Mifsud x'għandhom bżonn. Hemm bżonn li jitneħħew il-Belishia Lights, ix-xibka tal-grawnd, u railing pero jerġa jitwaħħal kollox kif kien. Dan ix-xoghol għandu jieħu madwar tmient ijiem fejn dawn ser jagħtu donazzjoni lil kunsill 10,000 ewro. Is-sindku iddiskuta li ovjament ser ikun hawn ftit ilmenti mir-residenti pero l-kunsill għandu jfiehem lir-residenti li bid-donazzjoni li ser jagħti l-management tal-produzzjoni *Latina Pictures* lil kunsill ser issiru d-dwal ġodda. Il-Kunsilliera qablu unanimament dwar dan ġa la darba jerġa jitpoġġa kollox kif kien. |
| 43.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar il-poster li qed tieħu ħsieb is-Sinj. Joanne Genovese dwar il-proġett film maker pro għaż-żgħażagħ ta' bejn 13 u 16 il-sena li wara jista jintuża għall-kusill. |
| 43.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li għall proġett tas-Sur Malcolm Galea applikaw sitt persuni li ser jgħinu fid-diskussjoni għal dan ir-radju dramm Science in the City li se jitella' mis-Sur Malolm Galea. |
| 43.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li għas-sejħa ta' interess għall-post bħala ċentru tas-saħħa daħlu żewġ applikazzjonijiet li s-sindku ser jgħaddi lil Ministeru tas-saħħa. |
| 43.03.08 | Is-Sindku talab lil kunsilliera sabiex jissuġġerixu minn jista'jkun fil-bord għal Ġieħ L-Isla għalkemm ma baqgħax żmien. Il-Kunsilliera issuġġerew li jkun hemm is-Sur Joe Scerri, Is-Sur John Portelli, Is-Sur Giuseppe Casha, Is-Sur Fabian Mangion u is-Sur James Farrugia, is-Sur Joe Abela kif ukoll is-sinjura Connie Galea. Ġie deċiż li l-bord għandu jagħżel il-persuna jew l-NGO għal Ġieħ L-Isla. |
| 43.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fis-6 ta' Mejju għall Jum L-Isla ser issir programm flimkien mat-tfal tal-iskola primarja fejn ser jiġi inkluż il-proġett Once Upon a Time. Dan il-proġett ser jiġi konkluż b'dan il-programm fejn ġie ippublikat l-istorja li kitbu u ġie illastrat minn żgħażagħ Maltin u barranin. Dan il-ktieb ġie ippublikat u ser jitqassam lil kull tifel u tifla fl-iskola primarja għall jum L-Isla b'ċelebrazzjoni t' attivitajiet sportivi fejn ser jitqassmulhom frott u ilma kif ukoll pjanti sabiex jinżergħu fis-secret garden tal-iskola primarja.<br><br>Is-Sinsku informa lil kunsilliera li ser jitkellem ma sterjotipi sabiex issir kunċert għall- Jum L-Isla fejn il-kunsill kellu agreement miegħu qabel il-COVID u dan qatt ma sar minħabba iċ-ċirkostanzi tal-Covid.<br><br>Il-Ħadd filgħodu fit-8.00am issir il-quddies għall-Jum L-Isla u l-fjuri fuq il-monument. |

| | |
|---|---|
| 43.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li għal-karnival tax-xahar tal-Mejju jitkellem ma kumpanija tal-Karnival fejn jistgħu jiprovdu xi maskaruni żagħar biex jitpoġġew fil-Pjazza 4 ta' Settembru u ix-xatt. Is-Sindku infurmhom li għandhom jintbgħatu kwotazzjonijiet. |
| 43.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar ilmenti li hemm sabiex il-kunsill iġib kwotazzjoni għal Triq il-Ponta fejn hemm ħofor kbar u l-bankina ta' Triq il-Maċina. Is-Sur Malcolm Gatt informa l-kunsill li hemm kaptell mifqugħ fi Triq iż-Żewġ Mini. |
| 43.03.12 | Is-Sindku iddiskuta jekk hux ser jinħarġu permess għar-Regatta. Iżda il-kunsilliera qablu li l-permessi tal-kiosks għandhom jinħarġu għall Ġimgħa l-Kbira għax l-istruzzjonijiet tas-saħħa huma sal-10t' April 2022 u fir-Regatta ma jinħarġux permessi. |
| 43.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser jinħareġ flyer għal-wirjiet li ser ikun hawn madwar l-Isla u ser jintuża l-vann sabiex iwassal anzjani biex jaraw dawn il-wirijiet fil-ħamis ix-xirka u l-Ġimgħa filgħodu u nqabdu ħaddiem minn tal-kunsill overtime. |
| 43.03.14 | Is-Sindku issuġġerixa li jinħareġ fuljett kull tlett xhur fejn ir-residenti jkunu jafu x'qed issir fil-lokal tagħhom u jitlob lis-sidien tal-ħwienet biex jagħmlu reklam fuq dan il-fuljett kull tlett xhur u bid-donazzjoni tal-ħwienet issir dan il-fuljett. |
| 43.03.15 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar laqgħa li flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew virtwalment mal-ERA sabiex issir proġett pilota mal-Kunsill tal-Isla u tar-Rabat Malta għal użu a' skips taħt l-art. Il-Kunsill ma kienx ingħata fondi għal dan il-proġett li kien applika l-kunsill iżda il-ministeru tal-ambjent u l-Era raw dan il-proġett u sejħu l-Kunsill tal-Isla u tar-Rabat Malta biex issir proġett pilota. Dan il-proġett ser ikun finanzajt għal sena u wara il-kunsill irrid ikun responsabli biex jitbgħattal u l-manutenzjoni ta' dawn l-iskips. |
| 43.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-evalwazzjoni li lesta l-bord tat-tender tal-pavimentar ta' Triq Sant Anġlu fit-18 ta' Marzu 2022. L-evalwaturi iċċekjaw il-kjarifikazzjonijiet kollha li intbgħatu fejn kull kuntrattur kien eliġibli iżda il-kuntrattur magħżul huwa l-Catbros għal irħas offerta. Il-Kunsilliera approva dan ir-rapport tal-evalwazzjoni. |
| 43.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet it-talba għal filming minn produzzjoni Maltija fejn is-Sur Chris Bonello talab il-kunsill sabiex jingħalqu xi toroq, Triq is-Sur , fejnil-Garjola u parti minn Triqi ż-żewġ Mini u Triq l-Arkati fit-13 t' April 2022 u l-kunsill jingħata donzjoni ta' 500 ewro. Il-Produzzjoni ser tieħu ħsieb ma TM għall Boiler Wharf. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li importanti li ma tkunx fil-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid |

| | |
|---|---|
| | għaliex il-kunsill japplika għall użu tal-Boiler Wharf għall parkeġġ u ma jistax jinħoloq inkonvenjent għar-residenti f'dawn il-jiem ta' festa. Is-Sur Bonello tkellmu wkoll mas-sidien tal-garaxijiet sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent għal dawn is-sidien tal-garaxxijiet ukoll. Il-Kunsillera approvaw li s-segretarju eżekuttiv toħroġ l-ittra ta' No Objection għad dan il-film ukoll. |
| 43.03.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lil kunsilliera li għalkemm il-voluntiera ma marrux fiżikament ir-Rumanija għal proġett HEUROPE, xorta waħda ingħataw kumpens mill-EU tax-xogħol li għamlu volontarju virtwalment.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lil kunsilliera li l-kunsill ser japplika għall żewġ progetti oħra mal-Unjoni Ewropea. Wieħed ser ikun jismgħu Back to the Future fejn is-Sinj. Petia Zacheva ser tkun qed tieħu ħsieb din l-applikazzjoni u l-ieħor ser ikun jismgħu Get Started to get ahead li ser jieħu ħsiebu is-Sur Arthur Perici. |
| **43.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Il-Bins ta' fejn ir-regatta Club jistgħu jinbidlu?<br><br>Is-sindku informa lil-viċi sindku li ser jieħu nota ta' dan. |
| **43.5** | **Rapporti** |
| **43.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order* ta' Frar 2022 *u Petty Cash* għax-xahar ta' Frar u Marzu 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **43.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |

| | |
|---|---|
| 43.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 3/2022 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **43.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 43.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 t' April 2022 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum <u>28 t' April 2022</u>

<u>IFFIRMATI</u>
Clive Pulis
Sindku

<u>IFFIRMATI</u>
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv